

## IL-BIBBJA – IL-KELMA T'ALLA GHALIK

# STEJJER MILL-KOTRA MQADDSA

## ANTIK TESTMENT

### IL-PROFETA ELIJA



Fi zmien ir-re Ahab il-Lhud tbieghdu sew minn Alla u bdew jaduraw lil allat foloz. Ir-re Ahab kien bniedem hazin u martu Jezabel kienet aghar minnu. Alla nkorla hafna li dan is-sultan flok ressaq il-poplu lejh beghdu minnu u kien kagun li huma waqghu fl-idolatrija. Is-sultan kien jippersegwita bosta sacerdoti li kienu jwiddbu lin-nies kontra dan id-dnub,u sahansitra kien joqtolhom.

Alla baghat lil wiehed profeta jismu Elija biex iwasslilhom messagg biex jindmu u jduru mill-gdid lejh, izda l-poplu ma riedx jisma'. Ghalhekk Elija habbrilhom li fuq Izrael kien gej kastig kbir. Ghal tlett snin u nofs ma kellhiex, la taghmel xita u anqas nida.

Hekk kif habbar dan il-kastig, Alla amar lill-profeta tieghu biex jahrab u jistkenn hdejn nixxiegha ta' ilma fejn it-tajr ta' l-ajru kienu jgibulu l-ikel.

Meta waqfet ix-xita, l-ilma tan-nixxiegha nixef ukoll u Alla kkmandah biex jmur gewwa Sarefta ghand wahda armla.

Meta wasal gewwa Sarefta u gie hdejn il-bieb tal-belt, lemah mara tigbor xi ftit hatab. Sejhilha u talabha ftit ilma biex jixrob, u hekk kif kienet sejra tnewwilhulu talabha wkoll biex taghtih bicca hobz.

Il-mara fqajra daret lura u wegbitu li hija ma kellhiex hobz. Kull ma kien fadal fid-dar kien ftit tat-tqiq u kemmxejn zejt, bizzejjed biex hija u binha jaghmlu l-ahhar ikla u mbaghad imutu ghaliex ma kienitx taf minn fejn aktar setghet iggib dqiq biex tahmi l-hobz.

Elija qalilha biex taghmel kif kienet ippjanat, izda l-ewwel taghmel ftit hobz ghalih u wara ghaliha, ghaliex Alla, jassiguraha, " li d-dqiq u z-zejt ma kienux ser jonqsu f'dik id-dar kemm iddum in-nixfa."

Hekk ghamlet il-mara kif ikkmandaha l-profeta u minn dak in-nhar qatt ma naqasha l-ikel sa' dak il-jum li fih Alla baghat ix-xita u spiccat in-nixfa fuq l-art.

Sakemm Elija dam jghix ma' dik l-armla gewwa Sarefta, binha marad u miet. Wahhlet f'Elija li dak li gara lil binha kien kollu minhabba fih. U wrietu li hija kienet inkurlata hafna ghalih.

Elija ordnalha biex tiehdu hdejn it-tifel. Huwa talab lil Alla biex it-tifel jerga' jiehu l-hajja. Alla sema' talbu u ruh it-tifel regghet dahlet fih. Imbaghad Elija pprezentah haj lil omm.

Meta ntemmu t-tlett snin u nofs ta' nixfa, Alla qal lil Elija biex imur ghand Ahab ghaliex kien ser jibghat mill-gdid ix-xita fuq l-art.

Meta Ahab ltaqa' wicc imb wicc ma' Elija, is-sultan staqsieh jekk kienx hu l-bniedem li gab daqshekk tbatija fuq Izrael imma Elija wiegbu li kienu hu u l-familja tieghu li gabu daqshekk sofferenzi fuq in-nazzjoni bil-hazen taghhom. Il-profeta ried li r-re jigbor lill-qassisin ta' alla Baal (isem alla falz) fuq il-gholja tal-Karmelu fejn hemm is-sacerdoti ta' alla falz joffru sagrificcju lil alla taghhom u huwa lil Alla tieghu. U dak alla li s-sagrificcju tieghu jkun ikkunsmat bin-nar mis-sema kellu jkun maghruf bhala Alla l-veru.

Elija talab lill-qassisin ta' alla Baal biex joqtlu barri u jpogguh fuq l-injam fuq artal, imma ma jqieghdu ebda nar tahtu. Huwa kellu jaghmel l-istess haga. "Sejjhu lil Alla taghkom biex jibghat nar mis-sema u jahraq l-vittma u jiena nsejjah lil Alla tieghi. Dak Alla li jwiegeb bin-nar dak ikun Alla veru."



In-nies kollha raw li dan kien gust. Is-sacerdoti ta' Baal ghajtu fuq li ghajtu izda Baal ma semghahhomx ghax ma kienx Alla veru u minkejja li damu ghal hafna hin jghajjtu u jitolbu ebda nar m,a nizel mis-sema.

Issa kien imiss lil Elija. Huwa ordna li jintefghu 4 garrar ilma fuq l-artal biex hekk il-vittma tkun imxarrba. Dan sar ghal tlett darbiet. Imbaghad Elija refa' idejh lejn is-sema u talab lil Alla biex jibghat nar mis-sema. Alla sema' talbu u nar mis-sema haraq l-injam u l-vittma minkejja li dawn kienu mxarba ghasra.

"Dan hu l-veru Alla," ghajtet il-folla.

Is-sultan Ahab beza' quddiem dan kollu u ra l-bluha tieghu meta induna li kien kagun li minhabba l-ezempju hazin tieghu l-poplu warrab lil Alla veru.

Elija qallu: "Mur u kul xi haga ghax Alla ser jibghat ix-xita . Ara diga qed nisma' ir-raghad." Ir-re ghamel kif qallu l-profeta u ghaggel lejn il-palazz li ma jmurx tigrilu xi haga aktar terribli.

Elija qal lill-qaddej biex joqghod attent ghal xi shab li jkun tieghla mix-xefaq. Izda l-qaddejj qatt ma lemah xejn minkejja li bosta drabi ghamel kif qallu l-profeta. Fl-ahhar il-

qaddejj qallu li kien qed jara shaba daqs ponn ta' bniedem.  "Tieghla mil-bahar," qal lil profeta.

Fi ftit mumenti is-sema tghabba bis-shab u qam ir-rih. U nizlet ix-xita. U fl-ahhar il-poplu seta' jixrob u l-art tkattar il-frott taghha.

## WIEGEB DAWN IL-MISTOQSIJIET:

1. Ghaliex Alla baghat kastig fuq l-art li fiha damet ma nizlet xita u nida ghal tlett snin u nofs?
2. Ghaliex Elija mar ghand wahda armla ta' Sarefta?
3. Il-profeta Elija qalilha biex l-ewwel taghmel ftit ikel ghalih, imbaghad ghaliha u ghal binha. Kif wriet fidi fil-kliem tal-profeta?
4. X'ghamel Elija biex juri li Alla u mhux Baal huwa l-veru Alla?
5. Biex Elija juri li fis-sagrificcju tieghu ma kienx hemm qerq x'ghamel?